TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 362/10

**Vincent Friggieri**

**vs**

**Frank Bonnici**

Illum 8 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-16 ta' Settembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' disa' mija u tmienja w għoxrin ewro (€928), rapprezentanti nuqqasijiet minn min kellu jdoqq fit-tieġ tat-tifla tar-rikorrenti.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ingaġġa lill-intimat sabiex idoqq fit-tieġ tat-tifla tiegħu u kien hemm diversi nuqqasijiet, fosthom illi ngaġġa ħames mużiċisti u marru tlieta biss, illi kellu jipprovdi MP3 equipment u ma kellux, illi telqu kmieni u li ma kinux lebsin l-istess.

L-intimat issottometta illi daqqu professjonalment u li ma kienx it-tort tiegħu li żewġ mużiċisti ma marrux u li kien għad baqa' jieħu l-flus.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet u lix-xhieda, jinnota illi huwa minnu li tnejn mill-mużiċisti ma marrux u li kien hemm diversi nuqqasijiet, fosthom li ma kienx hemm MP3 equipment u illi kien hemm diżgwid ukoll u li dan ma jawgurax tajjeb għat-tieġ. Illi l-intimat imissu ħa l-prekawzjonijiet kollha sabiex jassigura li ma jkunx hemm problemi fit-tieġ.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas l-ammont ta' sitt mitt ewro (€600), kif ukoll jikkundanna lill-intimat iħallas l-ammont ta' ħamsin ewro (€50) bħala danni morali, bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**